# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Noel Muscat

Illum, 6 ta' Marzu 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Noel Muscat bin Vincenza Schiavone mwieled fil-19/12/1986 u joqghod 8, Sur San Pawl, Bormla billi akkuzat talli fit-28 ta' Frar, 2021 ghall-habta ta' 08.50hrs fi Triq San Gwann t'Ghuxa, Bormla soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni BBR335;

1. B'manjiera perikoluza;
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;
3. U talli soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta'Malta;

4. U talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju tat-terzi persuni;
5. U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Tiziana Attard skond kif iccertifika Dr N Scicluna MD mill-MDH;
6. U aktar meta b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Redmir Vassallo skond kif iccertifika Dr Ryan Formosa MD mill-MDH;
7. U b'nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura nru EBQ185 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Redmin Vassallo.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti mitluba li f'kaz ta` htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-Ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbili mill-LS65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat Kap 65 Artikoli 15(1)(a)(2)(3) Kap 104 sec 3(1), Kap 9 Art 226(1)(c), 328(d), LS65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u l-istess imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li Tiziana Attard u Redmir Vassallo irtiraw il-kwerela taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**<u>Richard Saliba</u>** xehed is-segwenti fis-6 ta' Marzu 2023

Pros: Sur Saliba x`inhu l-inkarigu tieghek?

Xhud: L-inkarigu tieghi parts fuq is-sistema tal-kompjuter u nohrog stima fuq il-parts ovvjament li jitlobna il-klijent.

Pros: Ma liema kumpanija?

Xhud: Ma Gasan Zammit Insurance.

Pros: Ha norik quote minn naha ta` Gasan Zammit biex tara jekk hrigtux minn naha taghkom?

Xhud: Quote li ghamel kollega tieghi ta` parts li talabna il-klijent.

Pros: L-ammont u hemm xi number plate fuqha jekk jogghbok jew mudell?

Xhud: Le numru tar-registrazzjoni m`ghandix mudell lanqas.

Pros: L-ammont x`inhu jekk jogghbok?

Xhud: 474.23c

**Tiziana Attard** xehdet is-segwenti fis-6 ta' Marzu 2023

Pros: Sinjura Attard inti irrapurtajt xi haga il-pulizija?

Xhud: Meta kienu tajjruna.

Pros: Kif u fejn gara l-incident?

Xhud: Mela gara l-incident Sur San Pawl Bormla ahna,

Pros: Meta sinjura?

Xhud: Id-data ma niftakariex issa, imma l-incident sar Sur San Pawl Bormla, ahna konnha hergin bil-mutur jiena u Redeemer Vassallo il-partner tieghi jiena rajt kif imxejna bil-mutur jiena rajt lin-Noel Muscat gej,

Qorti: Min hu Noel Muscat qed tarah hawnekk?

Xhud: Hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat, kont tafu qabel jew wara sinjura?

Xhud: Nafu ghax jigi l-kugin tal-gharus tieghi, ahna konnha jiena li gharus tiegh ghedtlu biex niefqu ghax jiena rajtu gej bil-karozza u waqafna pero hu Noel lilna ma raniex gejjin ma raniex lilna u

baqa` diehel go fina, gifieri hu spicca bl-injury bl-affarijiet,

Qorti: Hu min hu hu?

Xhud: Redeemer Vassallo l-iktar li hadha id-daqqa ghax jien qbizt minn fuq il-mutur u gejt fuq il-karozza u nzilt ma l-art bid-daqqa.

Qorti: Xi gralek inti?

Xhud: Jiena kull ma kelli idejja u naqra rasi peress li bid-daqqa tal-helmet.

Pros: Kemm domt sinjura b`dal-griehi?

Xhud: Jiena fil-verita kemm domt gimgha ma kelliex griehi kbar jien hu kellu Redeemer Vassallo mhux jiena.

Qorti: Issa dan kien gejj minn naha opposta kif?

Xhud: Ahna konnha gejjin bil-mutur hergin ghall-barra minn Sur San Pawl Bormla hergin sewwa u hu diehel minn sur San Pawl ukoll ghax inti tohrog u tidhol triq wahda allura ahna u hergin jiena rajtu lilu minn fuq il-mutur u ghedt lir-Redeemer ghedtlu ieqaf pero Noel lilna ma raniex.

Qorti: Igifieri dan gie wrong side x`ghamel?

Xhud: Le it-triq kienet tajba ahna hergin normali sewwa it-triq normali u hu diehel ghax hemm bicca kantuniera pero lilna ma raniex huwa.

Qorti: Jekk ma giex fuq in-naha taghkom kif laqatkom allura mhux qed nifhem?

Xhud: It-triq kienet qeghda hekk normali it-triq dritta umbaghad tikser hekk issa ahna hergin bil-mutur u hu diehel.

Qorti: Allura intkom kontu f`wrong side allura?

Xhud: Le l-istess triq ghax hemm qisu gnien hemmekk l-istess triq trid taghddi.

**Redmir Vassallo** xehed is-segwenti fis-6 ta’Marzu 2023

Pros: Sur Vassallo kont involut f`xi incident inti?

Xhud: Iva.

Pros: Spjega l-Qorti kif u meta gara?

Xhud: Meta ma nafx ezatt imma kif nista nghidlek jien kont hiereg minn Sur San Pawl.

Pros: Biex kont sejjer?

Xhud: Bil-mutur.

Pros: Kellek il xi hadd mieghek?

Xhud: Iva kelli it-tfajla mieghi Tiziana Attard u Noel kien diehel.

Qorti: Noel min hu please?

Xhud: Dak t`hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Biex kien diehel?

Xhud: B`karozza u ma ranix uu it-tfajla diga kienet qaltli ieqaf ieqaf u dhalna go xulxin.

Qorti: Dit-triq kemm hi wiesgha?

Xhud: Din triq wahda.

Qorti: Jidhlu u johorgu minnha?

Xhud: Iva.

Qorti: Go triq wahda karregata wahda?

Xhud: Iva iva.

Qorti: Igifieri mhux kwistjoni li gie fuq in-naha tieghek tat-triq it-tnejn fuq l-istess naha?

Xhud: Iva.

Qorti: Triq dejqa?

Xhdu: Iva.

Qorti: Mela x`gara konsegwenza ta` dan l-incident?

Xhud: Carrat saqajja kollha.

Qorti: Inti fieqt minnha din?

Xhud: Iva.

Qorti: U kellek xi danni?

Xhud: Iva u rrangajna kollox hallasni kollox.

Qorti: Inti interessat li tkompli bil-proceduri?

Xhud: Le le le.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Mea hu kien gej minn triq principali?

Xhud: Iva.

Avu: Igifieri hu gej minn triq principali u qed jikser il-gewwa?

Xhud: Iva.

Avu: Xejn iktar.

**Noel Muscat** xehed is-segwenti fis-6 ta’ marzu 2023

Qorti: Tahlef li tghid is-sewwa, s-sewwa kollu u xejn hlief is-sewwa hekk Alla jghinek.

Xhud: Iva nahlef,

Avu: Tista tghidilna kif gara l-incident?

Xhud: Kont diehel minn barra ghax fetha fejn iddur u ma rajtux rajtu fuq il-bonnet jien.

Qorti: Fejn dhalt inti x`kien jisimha fejn dhalt go fiha?

Xhud: San Gwann T`Ghuxa stess l–istess triq.

Avu: Igifieri inti kont mit-triq principali mit-triq fejn jaghddi,

Qorti: L-incident gara triq prinicipali jew triq laterali?

Xhud: Gewwa.

Qorti: X`jismu?

Xhud: San Gwann T`Ghuxa.

Avu: M`ghandux isem preciz it-triq m`ghandix isem.

Avu: Xejn iktar mix-xhud.

**PS 2366 J Degiorgio** xehed permezz ta' affidavit dwar l-investigazzjoni tieghu.

Gew ezebiti Dok A Affidavit ta' Transport Malta minn fejn jirrizulta li l-imputat ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan.

Gew ezebiti ukoll Dok B u C certifikati medici.

**Ikkunsidrat**

Illi Tiziana Attard u Redmir Vassallo irtiraw il-kwereli taghhom u b`hekk il-hames, sitt u seba' imputazzjoni huma ezawriti.

Illi rigwardanti l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet hemm kunflitt ta' provi rigwardanti fejn sehh l-incident u b`hekk m`hemmx il-livell ta` provi rikjest fil-kamp kriminali.

It-tielet imputazzjoni tirrizulta minn Dok A.

Illi rigwardanti r-raba` imputazzjoni stante it-tielet imputazzjoni irrizultat isegwi li ma setax ikun hemm polza tas-sigurta` valida dwar ir-riskji tat-terzi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Kap 65 Artikoli 15(1)(a)(2)(3) Kap 104 sec 3(1), Kap 9 Art 226(1)(c), 328(d), LS 65.18 Art 36B u fil-LS 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti l-imputat;

Tiddikjara li proceduri huma ezawrijenti fil-konfront tieghu fir-rigward tal-hames(5), sitt(6) u seba` (7) imputazzjoni.

Ma issibux hati rigwardanti l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u tilliberah minnhom.

Issibu hati tat-tielet (3) imputazzjoni u timmultah mitejn u hamsin ewro (250).

Issibu hati tar-raba’ (4) imputazzjoni u tikkundannah multa ta` elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u seba’ u tletin centezmu (2329.37), tnaqqas seba’ punti mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan, u tiskwalifikah mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal-zmien sena (1).

**Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**